**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Gunju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Raymond Galea detentur tal-Karta tal-Identita` numru 439365M**

***Kumpilazzjoni Nru. 428/2015***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Raymond Galea u ċioè talli:

> Matul il-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Jannar, 2008, gewwa Marsaxlokk:
>
> Ikkometta serq ta' oggetti relatati mad-delizju taz-zwiemel u/jew ta' oggetti ohra minn gewwa Southern, Triq it-Torri, Marsaxlokk, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Raymond Cassar u/jew ta' persuna, persuni, entita` u/jew entitajiet ohra.
>
> Il-Qorti giet mitluba titratta ma Raymond Galea bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti giet mitluba wkoll tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-18 t'April, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

[1] Fol.85

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi xehed **PS966 Race Desira** li kkonferma l-*Current Incident Report*[2] redatt minnu kif ukoll spjega kif mar fuq il-post fejn gie mgharraf li d-dhul sar wara li nqala' kantun. Mir-rapport jinghad li anke serratura kienet parzjalment sgassata.

Illi xehed **Raymond Cassar**, id-derubat, li ddeskriva kif ghodwa minnhom mar fir-razzett biex jaghlef il-bhejjem u sab li kienu nsterqulu l-ingenji.[3] Ix-xatba kien tkissrilha l-katnazz u sab il-bieb tar-remissa miftuh. Jispjega li biex sar id-dhul tkisser kantun fir-raba filata tal-hajt. L-ammont misruq kien ilahhaq xi €2,500. Kien anke sar tentattiv biex tinfetah is-serratura. Ix-xhud jispjega kif **ritratt li nstabet impronta digitali fuqu,[4] kien fil-qiegh go vettrina fejn, qabel ma sehhet is-serqa, kien hemm mpoggija fuqu l-ingenji li gew misruqa u li kienu fl-istess vettrina**. Cassar kkonferma li ma kienx jaf lill-imputat u qatt ma stiednu fir-razzett.[5] Ix-xhud zied li dwar il-valur tal-oggetti misruqa hu kien ta' deskrizzjoni shiha taghhom lill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, liema valur moghti kien mahdum fuq iz-zmien tas-serqa u mhux meta l-oggetti kienu nxtraw godda.

In kontro-ezami jixhed li hu kien ghamel fotokopja f'daqs A4, laminata, ta' ritratt mehud minn fotografu wara t-tigrijiet taz-zwiemel u li kien inxtara minnu.[6] <u>Jeskludi li r-ritratt gera f'idejn ohra (ghajr ghal meta ttiehed ghand il-photocopier)</u>. Peress li kienu ghaddew tmien snin mid-data tas-serqa, Cassar ma setghax jiftakar ghand min ghamel dik il-kopja ghalkemm ftakar li dan sar x'imkien fin-nahat ta' Marsaxlokk u zied li drabi ohra gieli mar ghand *photocopiers* f'Rahal il-Gdid, Bir id-Deheb jew Birzebbugia. Jigi sottolinejat li x-xhud jikkonferma li **l-kopja saret u giet laminated fil-presenza tieghu waqt li jkun qed jistennieh** *"Difiza: Issa dan jaghmilulek dak il-hin u tiehdu mieghek? Xhud: Iva....Dawn affarijiet ta' minutes".*[7] Ghalkemm ix-xhud ma ftakarx kemm kien ilu ghandu ir-ritratt seta' jghid li kien ghamlu madwar sena qabel ma gie misruq *"Dak ir-ritratt lanqas biss*

---

2 DOK. RD fol.18 et seq

3 Fol.23

4 Vide ritratt 08 AEA 112 li juri dokument abjad isserrah mal-hajt. L-istess document jirrizulta li hu ritratt li jidher fir-ritratti 08 AEW 110 u 08 AEW 111 a fol.38 tal-proces verbal.

5 Fol.24-25

6 Fol.27-28

7 Fol.29-30

*wahhaltu mal-hajt. Tfajtu go dik il-gradenza, x-show case, isfel ...”* u f'dak iz-zmien li ghamel ghandu qatt ma sellfu lil hadd.[8]

Illi xehed l-**Ispettur James Grech** ta rendikont tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija wara li Raymond Cassar kien rraporta serqa mir-razzett tieghu f' Marsaxlokk. Dak iz-zmien kienet saret inkjesta magisterjali. Xi zmien wara il-Pulizija kien rceviet informazzjoni li Raymond Galea, l-imputat, seta' kien responsabbli minn din is-serqa[9] u li ghaldaqstant seta' ikun hemm qbil bejn l-impronti digitali li nstabu fuq il-post li safa' misruq u dawk tal-imputat.[10] Ghalhekk ittiehdet stqarrija tal-imputat fil-25 t'April, 2015,[11] u wara l-awtorizazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti ttiehdu l-impronti tal-imputat ghall-fini ta' *comparison* ma dawk li nstabu fuq ix-xena tad-delitt, fejn kien hemm *positive match* ma impronti li nstabu fuq ritratt mmarkat bhala 08AEA112.[12] Wara li sar maghruf dan ir-rizultat, ittiehdet stqarrija ohra tal-imputat fejn, ghalkemm mgharraf li kienu nstabu l-impronti digitali tieghu fuq ix-xena tar-reat, baqa' jinnega li kien involut fis-serqa.[13]

Illi fl-ewwel stqarrija tal-imputat[14] l-imputat cahad li qatt dahal fir-razzett derubat **“Qatt ma dhalt hemm gew jien”**.[15]

Illi gie esebit **Proces Verbal Nru 654/2009**. Mir-relazzjoni tas-*scene of crime officer* **PC1252 Frederick Brincat** jirrizulta li kienet instabet impronta digitali *“minn fuq wara ta' ritratt li kien iccaqlaq minn postu”.*[16] L-espert **Vincent Ciliberti** kien ikkonstata li *“il-persuni li allegatamet wettqu dan ir-reat ghazlu li jqacctu l-katnaz installat fix-xatba mahduma bil-metall u l-injam, u galadarba kienu fil-farm sgassaw wiehed miz-zewg imhazen fil-farm....l-mahzen misjub sgassat...rrizulta li s-seratura sar attentat fuqha biex tigi sfurzata, ghalkemm jidher li dan ma sehhx. Illi fin-nuqqas li l-bieb tal-mahzen ma nfetahx, min dahal ghamel dan billi mill-genb tal-mahzen kisser kantun”.*[17] Illi l-ammont indikat mill-espert Ciliberti bhala l-valur tal-oggetti misruqa jammontaw ghal LM1,103[18] (li jammontaw ghal cirka €2,569).

Illi **Joseph Mallia** kien pprezenta r-relazzjoni tieghu minn fejn rrizulta li wara ezami komparattiv bejn l-impronti tal-imputat u impronta elevata minn fuq ix-xena tad-delitt (08 AEA 301), *“din l-impronta taqbel pozittavament, u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id il-leminija tal-istess Raymond Galea.”*[19] L-espert Mallia kien anke kkonferma r-rapport tieghu.[20]

---

8 Fol.31
9 Ara ukoll fol.51 tal-proces verbal
10 Fol.32
11 Dok. JG a Fol.35
12 Fol.38 tal-proces verbal
13 Fol.33
14 Dok JG a fol.35
15 Fol.36
16 Fol.42 tal-proces verbal
17 Fol. 17 tal-proces verbal
18 Fol.18-20 tal-proces verbal
19 Fol.60 u 65 tal-proces verbal

Issir riferenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb** tal-Qorti tal-Appell Kriminali:[21]

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."[22] ......

---

[20] Fol.87

[21] Deciza fil-31.08.2016 mill-Onor. Imhallef Dr Joseph Galea Debono; App. Krim. Nru. 108/2006

[22] Dik is-sentenza kienet kompliet:

**Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" **[7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbaghtax (14) il-*"point of comparison"*** .BLACKSTONES **- "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-**

**"Properly presented *fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,* in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**

**See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robberyconviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**

***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

**Fil-fatt It-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan ilkaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta'**

**...**Illi l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading , Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-
""A person may be identified by fingerprints alone" : **R. v Castleton** , 3 Cr. App. R 74 CCA".

Kif anke ddikjarat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha **il-Pulizija vs Kenneth Ellul** meta din il-Qorti qiset il-valur probatorju ta' impronti digitali:[23]

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[24]**.** F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenzja fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[25] fejn inghad:

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat.**"(Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk:

*"Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta'l-imputat."*

Fuq dan l-insenjament u wara li gew ezaminati r-rizultanzi processwali minn fejn irrizulta li:

- nstabet impronta digitali tal-imputat fuq fotokopja ta' ritratt li kien fil-qiegh ta' vettrina (li minnha nsterqu l-oggetti l-ohra li kienu fiha u li kienu mqeghda fuq dik il-fotokopja);
- il-fatt li dik il-fotokopja saret fil-presenza tad-derubat u qatt ma ghaddiet ghand terzi;
- il-fatt li l-imputat kkonferma fl-istqarrija tieghu li hu qatt ma mar fir-razzett derubat;
- il-konferma tad-derubat li ma kienx jaf lill-imputat u qatt ma stiednu fir-razzett tieghu,

iwasslu lill-Qorti ssib l-imputazzjoni migjuba mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

***"14 points of comparison"* li skond l-esperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.**

[23] Deciza 9 ta' Mejju, 2016 per Onor. Magistrat Dr Josette Demicoli

[24] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju, 2013

[25] Deciza 7 ta' Marzu, 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

Illi gew esebiti diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat[26] *inter alia* dik tat-2 ta' Frar, 2005. Ghalhekk gie ppruvat ukoll l-addebitu tar-recidiva.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-fedina penali tieghu, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal aktar minn disa snin ilu.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' tlettin xahar prigunerija.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €946.43 rapprezentanti l-spejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**

[26] Dok.FF-FF2 a fol. 80 et seq